KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 – IL-ĦAMIS, 11 TA' DIĊEMBRU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 20.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

20.1.1 Ma kienx hemm.

## 20.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

20.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (20) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Mario Fenech issekonda.

20.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 20.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

20.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa dwar il-konsultazzjoni pubblika li nżammet nhar it-28 ta' Novembru ġewwa r-Razzett l-Abjad L-Iklin. L-atttendenza tal-komunità tal-Iklin kienet waħda aċċettabbli u fejn ġiet ippreżentata *power point presentation* dwar il-ġnien propost fi Triq Anton Manoel Caruana a sodisfazzjon tal-komunità. Il-konsultazzjoni pubblika ġiet imsejħa biex il-Perit Ellul min-naħa ta' Project Green ikun jista jieħu feedback u jiġbor informazzjoni rilevanti mingħand ir-residenti biex tiġi nkluża fil-proposta finali.

Minn din il-konsultazzjoni pubblika, ħarġu punti validi kif jidher hawn taħt:

Talba għall-lista tal-ispeċi li ser jiġu ppjantati fil-ġnien;
Tħassib dwar l-implimentazzjoni ta' elementi mużikali fil-ġnien li jista ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti taż-żona;
Staqsew jekk saritx analiżi tad-dell fir-rigward tat-tħawwil tas-siġar;
Tħassib dwar l-użu ta' bankijiet tal-ħadid u kontra li jitħawlu siġar tal-ħarrub u l-ispeċi Jacaranda Mimosifolia;
Tħassib dwar faċilitat ta' parkeġġ għall-pubbliku li jiġu barra mill-Iklin;
Dwar il-manutenzjoni tal-ġnien, l-implimentazzjoni ta' CCTV;
Il-potenzjal li siti ġirien jiġu nklużi fl-iskema tal-ġnien, jekk ikunu proprjetà tal-Gvern;
Kritika dwar il-qagħda preżenti tal-art fejn l-art fejn qed tintuża b'mod abbużiv u għaldaqstant kien issuġġerit li jkun hemm area iddisinjata għal dog park;
Individwu stqarr li s-sit propost kienet fil-pussess tiegħu bi qbiela;
Individwu ieħor staqsa jekk hux possibbli li s-sit iżomm l-użu agrikolu attwali tiegħu;
Kjarifika dwar iż-żona mmarkata bl-isfar u s-siġar tal-ħarrub li bħalissa jeżistu f'din iż-żona;
Resident wieħed semma wkoll il-potenzjal ta' ġibjun eżistenti li jinsab taħt Triq Manuel Anton Caruana maġenb is-sit propost
Durata tal-proġett;
l-inklużjoni ta' faċilitajiet sanitarji fil-ġnien;
Spjega li s-sit kien mikri lil partijiet terzi imma dan il-kiri ġie terminat u reġgħet lura għand l-Awtorità tal-Art bħala proprjetà freehold;

Il-ġnien se jkun suġġett għal ftehim ta' manutenzjoni mal-Kunsill Lokali. Ftehim tipiku jgħid li l-ewwel ħames (5) snin se jkunu miżmuma mill-kuntrattur, filwaqt li s-snin li jifdal se jkunu miżmuma minn Project Green.
CCTVs jiġu implimentati fid-disinn tal-ġnien;
Iż-żona mmarkata bl-isfar mhiex parti mis-sit propost għall-ġnien, minkejja li jistgħu jiġu mħawwla arbuxelli;
Din iż-żona possibbilment hi maħsuba għat- twessigħ tat-triq. Hu f'idejn l-entità rispettiva li tiddeċiedi l-pass li jmiss għall-siġra tal-ħarrub eżistenti li tinsab fit-triq u kwalunkwe xogħol relatat.

20.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li qed jitkompla x-xogħol fuq Electric charging pillars fi Triq Dott Pawlu Grech, Triq Patri Marjanu Vella u fi Pjazza Ninu Cremona. Informa li l-kuntrattur ma kienx qed jaħdem al altezza u kien hemm ftit ilmenti min-naħa tar-residenti dwar l-imsemmija xogħlijiet. Ikkonkluda li l-Kunsill qed jagħmel monitoraġġ biex ikun hemm aktar sigurtà fuq it-toroq.

## 20.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

20.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-24 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET ( 24 November - 03 December 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 344 | 24/11/2025 | Hemm cables imdendlin mal-faċċata ta' residenza fi Triq Ċ Bugeja | settled | 28, Triq Ċ Bugeja | **Melita** |
| 345 | 25/11/2025 | Peress li l-bozoz tat-toroq saru aktar baxxi hemm bżonn li fi Trejqet ir-Rumanzieri tiżdied bozza oħra għax qed ikun hemm ħafna dlam | pending | Trejqet ir-Rumanzieri | **COUNCIL** |
| 346 | 25/11/2025 | Fi Triq il-Klin hemm ħanut tax-xagħar u għandha siġra tesporġi 'l barra li qed tostakola l-bankina | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 347 | 25/11/2025 | Talba biex mal-ġenb tal-knisja fi Triq Mons Carmelo Pace issir double yellow line it-tul kollu għax it-triq ma' tiflaħx għal parking fuq iż-żewġ naħat, iżda xorta qed jipparkjaw | pending | Triq Mons. Carmelo Pace | **COUNCIL** |
| 348 | 22/11/2025 | Partijiet ta' ħajt tas-sejjiegħ fi Triq San Mikiel u Triq Wied imġarrfin | settled | Triq Wied/ San Mikiel | **COUNCIL** |
| 349 | 27/11/2025 | Vettura ipparkjata fi Triq M Butcher tintuża store u bla liċenzja | sent | Triq M Butcher | **Police** |
| 350 | 26/11/2025 | Wire imdendel fejn 28 Triq Ċ Bugeja | settled | Triq Ċ Bugeja | **Melita** |
| 351 | 38/11/2025 | (2) ħofriet ta' stop cocks Triq Ġ Abos c/w Triq Dun Karm | pending | Triq G Abos | **WSC** |
| 352 | 28/11/2025 | Bozoz mitfija fi Triq Bruka u Triq il-Luq | pending | Triq Bruka/Luq | **ENEMALTA** |
| 353 | 02/12/2025 | Ilment li qed iħallu l-ikel għall-qtates u qed joħorġu l-ġrieden għalih fi Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 354 | 03/12/2025 | Hemm il-bozza L015/28 fi Triq Alfred Gerada li għalkemm inbidlet ġdida, xorta baqgħet tixgħel u titfi. Il-ħsara mhux mill-bozza | pending | Triq Alfred Gerada | **ENEMALTA** |
| 355 | 03/12/2025 | Il-vetturi qed jgħaddu minn Triq G Calleja bi speed eċċessiv u qed jitlob traffic calming measures | pending | Triq Ġuzeppi Calleja | **COUNCIL** |

## 20.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

20.5.1 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk WEEE trolley li jinsab fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jistax jiġi rilokat x'imkien ieħor peress li nnota li resident jiddisponu minn batteries li jista jikkawża periklu.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb sabiex jinstab post alternattiv biex jitneħħa kull periklu.

20.5.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tistax torganizza immaniġġjar tat-traffiku fi Triq San Mikiel minħabba x-xogħlijiet li qegħdin isiru fl-imsemmija triq għaliex ħafna vetturi li jaċċessaw it-triq qed isibu Triq San Mikiel magħluqa u qed joħolqu kaos biex iduru u jinżlu minn Triq Stefano Erardi.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li ser jitkellem mall-Korporazzjoni biex jippreżentaw programm tax-xogħol u *traffic management plan* biex nassiguraw is-sigurtà u l-ordni fuq it-toroq tal-Iklin.

## 20.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

20.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mary Grace Gusman.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 20.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

20.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

20.7.2 Applikazzjoni PA 07349/25 – Ex Fireworks Factory, Triq Erin Serracino Inglott, L_Iklin 'Minor changes and proposed basement level to the head quarter building approved under PA/1029/19

20.7.3 Applikazzjoni PA 03933/25 – Middle Quarry, Ta' Ġnien Fonsu, L-Iklin – 'Proposed removal of dilapidated structures, repairing of dangerous retaining wall, replenishment of soil and to sanction location and size of agricultural store.

20.7.4 Applikazzjoni PA 07790/25 – 44, Triq tal-Balal, San Ġwann c/w, Triq Ħal Għargħur L-Iklin – 'To propose change of use from Class 4D and Class 1 residence approved in PA/00340/24 to a guest house Class 3A. The proposal includes internal changes such as shifting of internal walls and openings, outside pool at first floor level and a garden at ground floor level

20.7.5 Applikazzjoni PA 03933/25 – 47 Mon Reve, Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin – Proposed demolition of existing dwelling including excavation for basement and reservoir. Proposed construction of basement garage for private vehicles and overlying Class 1 maisonette and apartments. Proposal includes pools and landscaping.

## 20.8 PROĊESS TAL-VERIFIKA MILL-UDITURI TAL-GVERN GĦAS-SENA 2025

20.8.l Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva Ċirkolari nru. 4/2025 dwar l-għeluq tas-Sena Finanzjarja 2025 bi preparazzjoni għall-proċess ta' verifika tal-kontijiet tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku informa li diġà ġew miftehma d-dati tal-fieldwork mal-Uditur tal-Gvern skedat għas-16 ta' Marzu 2026. Preżentement se nkunu qed nagħlqu l-Accounts sal-aħħar tas-sena biex ikun aġġornat bit-tranżazzjonijiet li se jsiru sal-aħħar ta' Diċembru 2025. Jiġu sottomessi l-bilanċi tal-kontijiet bankarji u l-Aged Creditors List. Fis-seduta ta' Frar jiġu ppreżentati l-istqarrijiet finanzjarji (unaudited) waqt seduta tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni biex eventwalment jiġu sottomessi lill-Udituri tal-Gvern b'*deadline* tas-27 ta' Frar.

20.8.2 Is-Segetarju Eżekuttiv se jkun qed jiżgura li d-dokumenti kollha meħtieġa mill-Awditur tal-Gvern Lokali ikunu mħejjija minn qabel sabiex jippermettu lill-udituri tal-Gvern Lokali jagħlqu x-xogħol bla dewmien.

## 20.9 ALLOKAZZJONI FINANZJARJA GĦAS-SENA 2026

20.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2026 kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Funzjonijiet | Allokazzjoni |
|---|---|
| L-Allokazzjoni Finanzjarja | |
| | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 4,626 |
| Manutenzjoni tat-Toroq<br><br>Tiswija u Manutenzjoni ta' Toroq Urbani, sinjali u marki tat-traffiku, Mhux urbani, sinjali u marki tat-traffiku<br><br>Knis ta' Toroq Urbani<br>Tindif ta' Toroq mhux Urbani | 55,673<br>13,331<br><br><br><br><br>36,750<br>6,273 |
| Immaniġġjar tal-iskart | 57,521 |
| Spejjeż amministrattivi | 152,311 |
| Total | 326,485 |

20.9.2 Is-Sindku informa li meta tikkompara l-allokazzjoni finanzjarja mas-sena preċedenti, jirriżulta li hemm żieda ta' Eur17,628 fl-allokazzjoni finanzjarja 2026, żieda ta' 5.7%.

20.9.3 Is-Sindku Dott Sciberras spjega li wara li ssir il-Laqgħa tal-Lokalità biex il-Kunsill jisma x'jixtieq///u r-residenti għas-sena 2026, il-Kunsill itella l-estimi finanzjarji għas-sena 2026 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

## 20.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

20.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fil-5.30 pm.

Is-Sindku wassal l-awgurju tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida lill-Kunsillieri u l-familjari tagħhom u lill-komunità kollha tal-Iklin.

20.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fil-5.30 pm.

20.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.00 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv